**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**(Avukat Sean Azzopardi)**
**(Avukat Kaylie Bonett)**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Mohammad Alhussein Aldarwish**

**Kump Nru: 292/2022**

**Illum, disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Mohammad Alhussein Aldarwish, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 116256A** akkużat talli fis-sena 2022 u fix-xhur u snin ta' qabel gewwa Rabat, Malta, u/jew f'postijiet ohra

f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. b'ghemil żieni, ikkorrompa lil **-Omissis-**, u **-Omissis-**, persuni ta' taht is-sittax-il sena, liema persuni kienu ghadhom ma ghalqux l-età ta' tnax (12)-il sena u liema persuni kienu fdati ghandu biex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom;
   *Art 18, 203(1)(a)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' **-Omissis-** u **-Omissis-** persuni ta' taht is-sittax (16)-il sena, liema persuni huma vulnerabbli stante li kienu persuni ta' taht il-hmistax (15)-il sena u li kienu qieghdin jghixu fl-istess dar bhalu;
   *Art 18, 202(h)(v), 204C(1), 208AC(i)(b), 208AC(2)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. ikkommetta att ta' natura sesswali minghajr kunsens li fih inniffsu ma jikkosstitwixxix wiehed mid-delitti kkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli, 198 sa 206 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq **-Omissis-** u **-Omissis-**, minuri, vulnerabbli stante li kienu persuni

ta' taht il-hmistax (15)-il sena, li kienu qieghdin jghixu fl-istess dar bhalu, liema delitt sar ripetutament;
*Art 18, 202(g)(h)(v)(j)(k), 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti ġiet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni *ai termini* tal-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawza u f'kaz ta' htija ai termini tal-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta favur il-minuri -**Omissis**- u -**Omissis**- u l-familjari taghhom;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tigi reġistrata ai termini tal-artikolu 6(2) tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' April, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija kontra l-imputat u cioè:-

1. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 203(1)(a)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18, 202(g)(h)(v)(j)(k), 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-**Ispettur Joseph Busuttil** xehed illi dan il-kaz beda b'ilment minghand l-Agenzija Appogg li kien hemm allegazzjoni li tifla minuri kienet qed tigi mbaghbsa b'mod intimu mir-ragel ta' ommha. Din it-tifla kellha dak iz-zmien hmistax-il sena. Jghid illi din it-tifla giet mitkellma u qalet

illi din kienet giet imbaghbsa sesswalment minghand din il-persuna xi ghaxar (10) darbiet u dan gara anke fuq ohtha li kienet izghar minnha.

Illi fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Gunju elfejn tnejn u ghoxrin (2022) instemghu z-zewg minuri -Omissis- u -Omissis- l-Qorti permezz tas-sistema awdjo viziva fejn dawn iddikjaraw illi dak li kienu stqarru lill-Ispettur Joseph Busuttil fid-Depot tal-Pulizija ma kienx minnu u ghamlu hekk peress li kienu rrabjati mal-imputat ghaliex kien jiddixxiplinahom partikolarment meta juzaw hafna l-mobajl.[1]

Illi ghal dan il-ghan u peress illi sa dak il-mument kien ghadu ma setax jigi deciz jekk kienx hemm bizzejjed provi sabiex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza, din il-Qorti nnominat sabiex jghinha f'din id-decizjoni lill-esperti psikjatrici Dr Rachel Taylor East u lil Dr Veronica Ellul Federici.

Illi permezz ta' rapport taghhom li sar f'qasir zmien minhabba t-terminu perentorju ta' xahar, huma ezaminaw liz-zewg minuri u rrelataw is-segwenti[2]:

[1] Id-depozizzjoni taghhom tinsab a folios 58 et seq.
[2] Dok. RT1 – folio 96 et seq.

*"**<u>Conclusion</u>***

*To conclude, after taking into consideration previous interviews of the alleged abuse as well as the interviews carried out with the minors by the undersigned, either of two conclusions may be possible:*

1. *The minors are victims of sexual abuse but due to the fact that they were not believed by their mother and were separated from their mother (-Omissis- stated that it was not what she had hoped for) they retracted their original allegation; OR*
2. *The minors are not victims of sexual abuse but knowingly falsely accused someone of sexual abuse for reasons of personal aggrandizement or revenge (possibly to exclude Mr. Alhussim Aldarwish from their family).*

*Nonetheless, both minors believe that their original allegations were a lie and insist that nothing has ever happened. Thus no further disclosures were made with the undersigned.*

*Both minors were convincing in their discourse regarding the retraction of the allegation. They both seemed to regret their actions and -Omissi- in particular showed remorse.*

*The minors' mother was also very set in her conviction that no abuse occurred.*

*It is being recommended that both minors attend individual psychological interventions so that they can have a safe place to talk about their feelings and thoughts about their family relationships."*

Illi b'digriet datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju elfejn tnejn u ghoxrin (2022) din il-Qorti hasset illi a bazi tar-rizultanzi tar-rapport hawn fuq imsemmi, hemm bzonn li jinstemghu aktar provi u dan ghaliex xorta kien jibqa' l-possibilità li l-minuri ma kinux qeghdin jghidu l-verità fid-depozizzjoni taghhom il-Qorti u ghalhekk iddecidiet li kien hemm bizzejjed provi *prima facie* sabiex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza.

Semghet ix-xhieda tal-mara tal-imputat li tigi wkoll omm il-minuri -Omissis- u -Omissis- u cioè **-Omissis-** fejn din tghid illi hija legalment mizzewwga lill-imputat u ghandha xi tfal

minghandu apparti l-allegat vittmi li kellha minn relazzjoni ohra. A rigward il-karattru tat-tfal taghha partikolarment iz-zewg minuri mertu tal-proceduri odjerni tghid is-segwenti:

> *"L-ewwel nies dan huwa stepfather taghhom sewwa. Issa bazikament dan ahna ilna disa' snin flimkien mizzewwga u. Issa dan rabbihom il -Omissis- rabbiha iktar tarbija mill-ohra u r-relazzjoni taghhom kienet tajba pero' mhux -Omissis-, -Omissis- kellha l-vizzju tal-gideb sewwa? U jiena gidba zghira ma jimpurtax. Dan kulhadd jigdeb imma meta naslu f'certu gideb mhux gidba wahda diga' ghamlitli gidba ohra din it-tifla u kienet ha ggibni fl-inkwiet imma qbadniha qisha bhal speci giet naqra, pero' li kellu hu jiena nghidlek id-dritt tieghi, hu kien izommilhom aktar minni ghax l-omm, jien dejjem per ezempju nghidilhom: "-Omissis- l-ghaxra u nofs. Itfu l-internet, itfu t-television, idhlu orqdu, ghada skola intom". Jien kont immur bil-mohbi tieghu u nixghelulhom dik zball tieghi fhimtni? Ghax hu kien izommilhom hafna anke' hrug ghax hu stepfather taghhom. Illum hawn hafna hazen, jiehu hsiebhom, ilibbishom, jitmaghhom u ghamel hafna ghalihom*

*ghax kieku ma kienx hu ghalija jiena ma ghandix li ghandi jiena, ma ghandhomx li ghandhom huma llum. Id-dar mhijiex taghna imma fejn noqghodu ghandna saqaf pero' ma kienux jiggieldu anzi kif kien jidhol mix-xoghol din kienet tmur tigri fuqu u tghanqu. Sal-ahhar gurnata marret tigri fuqu. "Hello Mohammed allright?" Mhux Mohammed kienet tghidlu isem. Insejt bhalissa x'inhu."*

A rigward il-vizzju tal-gideb li ghandha t-tifla taghha -Omissis- hija tkompli telabora:

*"U dak iz-zmien kien hemm il-boyfriend taghha[3] jghix maghna ghal ftit perjodu ta' zmien u dan ovvjament din kienet, dar ma kinitx, mhux ma kinitx kbira, kellna dar hi toqghod isfel ahna noqghodu fuq imma gol-istess dar u giet mhux lili sabet, sabet lil Mohammed qaltlu: "Mohammed," qaltlu: "isma", ghax jismu Will, "Will kont qed ninhasel u dahal fuqi fil-kamra tal-banju." U jiena ghidtilha: "Kif dahal fuqek fil-kamra tal-banju?" Qaltli: "Le, le, le xejn." Ghidtilha: "Imma din hija akkuza li ragel dahal fuqek anke missierek mhux suppost dahal f'kamra tal-banju sewwa?" Wara*

[3] Riferibbli ghall-gharus tat-tifla l-kbira Samira u oht -Omissis-.

*jumejn qaltilna, lil ohtha qaltilha: "Sorry ta'. Sorry ghax kont qed nigdeb, kont qed nivvinta ghax hadli naqra l-kamra tieghi peress li issa gie fid-dar taghna hadli l-post fejn kont qed norqod." U tidhak qisu xejn mhu xejn. Jiena dik li ddejjaqni ghax illum gidba zghira, la tikber din it-tifla gidba kbira taghmel problemi kbar fuq ix-xoghol taghha stess u hajjitha. Jien dik li tinkwetani".*

Ix-xhud tkompli li -Omissis-, apparti din il-gidba kontinwament tigdeb fuq affarijiet zghar. Tghid fuq it-tifla l-ohra -Omissis- li din ma tafx tigdeb izda sabiex tghatti lil ohtha -Omissis- taghmel kollox. Tkompli tghid illi -Omissis- tigdeb sabiex tigbed l-attenzjoni u tkun aktar popolari anke ma' shabha.

Xehdet habiba ta' -Omissis- **<u>-Omissis-</u>** bis-sistema awdjo-viziva u tghid illi -Omissis- kienet qaltilha sabiex tghid fil-Qorti li meta kienet qalet li l-imputat kien messa din kienet cajta u li ma kinitx il-verità. Hija tghid illi originarjament kienet qalet lilha u kien hemm xi hbieb ohra prezenti l-iskola fil-brejk u qaltilhom li missierha kien imissha.

Xehdet habiba ohra tal-minuri u cioè **<u>-Omissis-</u>** li kkonfermat li hi ma kienet taf b'xejn mill-istorja u

kkonfermat ukoll illi hija ma kinitx prezenti meta -Omissis- allegatament semmiet l-allegazzjonijiet lil shabha fuq l-imputat. Meta spiccat ix-xhieda taghha l-Ispettur Busuttil stqarr illi tella' din ix-xhud ghaliex fid-*disclosure* -Omissis- kienet semmiet lil din ix-xhud li kienet prezenti.

Habib iehor **-Omissis-** jixhed illi huwa ma kienx prezenti meta -Omissis- kienet qed taghmel l-allegazzjonijiet izda jaf illi raha tikbi u mdawra ma' xi hbieb fejn wara dawn qalulu li kienet qaltilhom xi haga fuq missierha tal-Awstralja.

**-Omissis-** habiba ohra tghid li dakinhar -Omissis- kienet qaltilha li l-*istep dad* taghha kien *drug dealer* izda ma setghet tghid xejn aktar a rigward l-allegazzjoni tal-abbuz sesswali.

**-Omissis-** tghid illi xi zmien qabel ma gara dan il-kaz[4], -Omissis- kienet qaltilha li missierha kien qed imissha u minhabba f'hekk kien mar il-habs. Ftit wara kienet qaltilha li l-*istep father* kien imissha[5].

---

[4] Ix-xhud issemmi meta huma kienu Form 2.
[5] Dan kien meta kienu form 4.

Finalment semghet ix-xhieda tal-espert psikologu forensiku **Dr Chantal Avellino** li kienet nominata minn din il-Qorti sabiex tirrelata fuq il-karattru ta' -Omissis- u senjatament fuq l-allegazzjoni li din tigdeb. Fil-fatt fir-rapport taghha[6] tghid illi ntervistat lil -Omissis- b'mod kliniku u wzat xi ghodda forensici li semmiet fir-rapport sabiex taghmel dan. Hija tghid illi -Omissis- kienet irrabjata hafna li l-imputat kien qatalha l-internet ghal diversi granet bil-konsegwenza illi kkonvinciet lil ohtha -Omissis- jivvintaw din l-istorja fil-konfront tieghu. Fir-rapport tkompli tghid is-segwenti:

> *"F'dan il-punt jidher li is-Sa -Omissis- ma kinitx hasbet li din l-istorja setghet tikber daqshekk u l-ghan taghha kien li s-sur Mohammed Alhussin Aldarwish ma jaghtix izjed kastigi, specjalment dak li jaqta' l-access tal-internet. Ta' min isemmi, li s-Sur Mohammed Alhussin Aldarwish gie ukoll deskritt mill-imsemmija bhala "father figure" ghaliha u li hafna drabi kien jipprova jiddixxiplina lis-Sa -Omissis-. Izjed tard fl-intervista, hi rrifflettit fuq il-fatt li Mohammed "was there for us", "he filled the void" u "cared for us". Madanakollu, qalet li r-relazzjoni taghhom inbiddlet xi ftit hekk kif twieldet*

[6] Dok. CA1 – folio 247 *et seq.*

> *-Omissis-. Hi tghid li ghalkemm thoss li Mohammed xorta baqa' jiehu jsiebhom, hasset li "he started to withdraw a little". Dan seta' wassal lis-Sa -Omissis- biex thoss sens ta' rejection. Dan jirrifletti l-fatt li jidher li l-imsemmija ma jidhirx li tgawdi minn relazzjoni tajba mal-missier biologiku taghha u li l-persuna li ha r-rwol ta' missier ghal hafna snin skontha inbidel maghha. Filfatt qalet li "all dads come and go".*

Hija tkompli tghid fir-rapport illi -Omissis- ghandha ghalhekk diffikultajiet psikologici-emozzjonali u persuni bhal dawn ikollhom tendenzi impulsivi, emozzjonali li l-burdati taghhom jinbidlu malajr u f'hin qasir u finalment li bl-azzjonijiet taghhom ma jirriflettux fuq il-konsegwenzi. Tghid ukoll li l-assessjar tal-**Paulhus Deception Scales** wera li l-minuri timxi hafna b'li tkun accettata u ghalhekk huwa normali li tkabbar jew tesagera l-affarijiet li jigrulha f'hajjitha u tghid li dan it-test indika l-possibilità ta' **socially desirable responding.**

Finalment tghid ukoll illi mhabba dan il-fatt li -Omissis- trid bilfors tkun accettata anke socjalment tista' tasal ghal gesti estremi jew mhux idonei. Dan seta' gie mill-fatt li l-missier bijologiku hallihom meta huma kienu zghar u l-

konsegwenzi penali li kellu wara u ghalhekk kien hemm ***a sense of rejection*** *kif* ukoll ghaliex skont l-istess minuri ***rejection*** ohra meta twieldet ohtha -Omissis- u hi hassitha mwarrba u dak il-fatt li gara tal-internet kien avveniment li ghalih ghamlet dan il-gest li tallega fuq l-imputat.

Fl-ahhar nett huwa importanti dak li spiccat bih l-espert fejn qalet:

> *"Ghaldaqstant, huwa difficli li wiehed jikkonkludi fic-cert jekk l-imsemmija kienet ivvintat storja dwar l-allegat abbuz inkella dakinhar tkellmet fuq sitwazzjoni li grat vera u bidlet il-verzjoni taghha sabiex tirritorna lura d-dar taghha.* ***Li huwa cert hu li Sa -Omissis- ddispjaciha li tkelmet fuq l-allegat abbuz. Madanakollu, jidher li hemm livell ta' konsistenza bejn dak li ntqal fl-intervista klinika, fil-cognitive interview u l-informazzjoni prezentat minn Dr. Taylor-East u Dott. Ellul Federici, informazzjoni li ngabret fuq medda ta' zmien. Minbarra dan, Sa -Omissis- sostniet kemm-il darba li hi tuza l-gideb biex tiehu dak li trid. Hemm indikazzjonijiet ukoll li minhabba bzonnijiet psikologici-emozzjonali, hi ghandha diversi bzonnijiet fuq livell personali, li***

***ghandhom bzonn jigu indirizzati b'mod terapewtiku".[7]***

## IKKUNSIDRAT

Irid jigi mfakkar mill-ewwel li huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu Diritto Penale:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".[8]*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbiltà. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-

[7] Enfasi tal-Qorti.

[8] Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890.

konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**[9] fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioè jistghu jigru zewg affarijiet u cioè jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi sfortunatament din il-Qorti thoss li dawn il-proceduri qatt ma messhom waslu sa dan il-punt kemm min-naha tal-minuri, li ghalkemm tkellmu li vvintaw il-kaz prattikament fil-bidu tieghu, u kemm mil-lat legali li kellha ttittiehed decizjoni mill-Qorti rigward dan il-kaz. Illi kkfrontata

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002.

b'allegazzjonijiet kontrastanti, din il-Qorti ma kellhiex triq ohra sabiex tinnomina professjonisti sabiex jghinuha tasal ghal gudizzju ghaqli. Illi dawn il-professjonisti kollha ghinuha f'kull stadju tal-proceduri u kienu krucjali sabiex issir verament gustizzja.

Illi din il-Qorti kienet iffaccjata bl-allegazzjonijiet inizzjali tal-minuri -Omissis- u -Omissis- li sussegwentement gew retrattati quddiemha. Insostenn tal-allegazzjonijiet inizzjali taghhom ma gie pprezentat xejn f'dawn il-proceduri. Illi sija mill-verzjoni tal-omm il-minuri li tispjega ben tajjeb ir-relazzjoni taghha mal-minuri, dak li gara fil-passat mal-missieri tat-tfal taghha u r-relazzjoni bejn l-imputat u huma kif ukoll dak li hareg mit-testimonjanzi ta' hbieb il-minuri li kollha kienu kontradicenti wiehed mal-iehor, din il-Qorti hija sodisfatta illi l-aktar verzjoni kredibbli tal-minuri hija dik li huma vvintaw kollox.

Illi kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ganni Attard**[10]

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta Mejju 1955.

> "*Biex tezamina l-kredibbilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji - ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm biss zewg xhieda, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-izbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti.*"

Illi tenut dak li ntqal il-Qorti ssib konfort ma' dak li kkonstatat l-espert forensiku Dr Chantal Avellino li fir-rapport dettaljat u ezawrenti taghha tiddeskrivi l-karattru tal-minuri -Omissis- u l-punti karatterjali taghha. Hareg illi gialdarba -Omissis- trid il-hin kollu tkun accettata u nkluza ggaghalha tkun impulsiva u biex tilhaq l-ghan taghha tesagera jew anke tigdeb. B'dan l-atteggjament taghha ma tantx tara l-konsegwenzi tal-agir taghha.

Illi finalment jinghad illi l-imputat ta stqarrija dettaljata hafna u minn dejjem cahad l-allegazzjonijiet maghmulin kontrih. Di piu' qatt ma gie prodott l-ebda xhud jew ma ngabet l-ebda prova fuq xi kondotta hazina tal-imputat jew xi allegazzjonijiet kontrih ohra. Illi l-fedina penali tieghu hija wahda netta ghal kollox.

Ghaldaqstant ma tarax kif l-imputat jista' jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontrih.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Mohammad Alhussein Aldarwish** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minn kull osservanza.

_________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**